# Is-Salini tal-melħ f'Wied il-Buni

Minn Arthur Grima

■ Minħabba li r-raħal ta' Birżebbuġa jinsab viċin il-baħar, fih insibu medda twila ta' xtajtiet li jibdew mill-Qajjenza u jibqgħu sejrin sa Wied il-Buni. Dan il-fatt jagħti lok għal bosta attivitajiet li huma direttament assoċjati mal-baħar. Fost dawn ta' min wieħed isemmi s-sajd u dak l-isport li huwa assoċjat mal-baħar, fosthom l-għawm, il-logħob tal-waterpolo, tiġrijiet tad-dgħajjes, il-ġostra u oħrajn. Barra dawn l-attivitajiet sportivi, li xi wħud minnhom spiċċaw għal kollox f'Birżebbuga, kien hawn ukoll sengħa partikolari li kienet issir ma' xatt il-baħar. Dan kien ix-xogħol konness mas-salini tal-melħ. Dan ix-xogħol kien isir fil-parti magħrufa bħala n-naħa ta' Wied il-Buni jew fil-bidu ta' Kalafrana. Tul din ix-xtajta wieħed għadu jistà jilmaħ numru ta' ħwat (salini) imħaffra fil-blat. Dawn fihom kien jiġi mnixxef l-ilma baħar, biex finalment dan isir melħ. F'Malta din l-industrija tmur ferm lura fiż-żmien, u dan jixhduh dawk is-salini li wieħed isib qrib xatt il-baħar, bejn in-Naxxar u Nurmarrad. Dawn huma fost l-eqdem li wieħed isib f'dawn il-gżejjer, tant li jmorru lura fi żmien ir-Rumani. Minn dan jidher kemm kellu mportanza l-melħ. Dan il-melħ ma kienx imfittex biss għall-ikel, imma fiż-żmien kellu użu wisq aktar minn hekk. Dan kien ta' priservazzjoni ta' laħmijiet jew ħut. Dan kien isir l-aktar għal fuq ix-xwieni ta'l-ordni tal-kavallieri ta' San Ġwann meta kienu jgħabbu l-provvisti għal matul iż-żmien li kienu jbaħħru. Minn mapep antiki li jeżistu ta' l-inħawi ta' Birżebbuġa wieħed isib dawn is-salini ta' Wied il-Buni mmarkati bi prominenza.



**Dehra tas-Salini tal-Melħ li hemm ma' Xatt il-Baħar f'Wied il-Buni**

## L-Inħawi ta' Wied il-Buni

Qabel ma nagħtu ħarsa lejn kif kien isir il-melħ fis-salini, tajjeb li naraw kif kienu dawk l-inħawi ta' Wied il-Buni għall-inqas sa madwar 50 sena ilu. Dan proprju kien iż-żmien ta' meta finalment spiċċa milli jsir il-melħ f'dawn is-salini darba għal dejjem. Tul il-medda ta' art, li tibda fejn hemm il-venda tal-karozza tal-linja sal-"club" tad-dgħajjes tal-qlugħ kien hemm is-sur (ħajt għoli b'diversi partijiet minnu maqtugħa li minnhom kienu jiġu sparati l-kanuni fi żmien il-kavallieri ta' San Ġwann). Minn dan is-sur illum il-ġurnata baqà biss parti żgħira, dik bejn il-"club" tad-dgħajjes u l-"club" tal-boċċi. Quddiem dan is-sur fit-tul tiegħu jagħti għan-naħa tal-baħar kien hemm il-foss. Fil-qiegħ ta' dan il-foss kien jinżera' l-qoton, waqt li go fih ukoll kienu jrabbu xi annimali. Dan il-foss għamel żmien jieħu ħsiebu ċertu Wiġi Aquilina 'tal-pikles'. Iżjed 'il barra lejn il-venda tal-karozza kien hemm ukoll xi għelieqi li fihom kien jinżera' x-xgħir u l-qamħ. Dan kien l-unika prodott li setà jinżera' hemm minħabba li kienu tant viċin il-baħar. Dawn l-għelieqi wkoll kienu f'idejn Wiġi 'il-Pikles'. Tul dawn l-għelieqi viċin il-baħar kien hemm sqaq dejjaq fuq il-blat. Illum il-ġurnata għad baqa' xi sinjali fil-blat ta' fejn kien dan l-isqaq, il-linji li jidhru mqatta' fil-wisa' ta' l-isqaq saru biex fuqhom iqabbdu n-nagħal tal-bhejjem. F'dawn l-inħawi kien hemm ukoll xi kmamar żgħar li nbnew fil-bidu tat-tieni gwerra dinjija, kif ukoll il-bażi tal-konkrit għal żewġ kanuni. Wieħed minnhom kien fejn illum hemm il-latrina. Xi ħaġa oħra nteressanti kienet li dawn l-inħawi kienu jservu ukoll bħala post għar-rikreazzjoni tat-tfal ta' l-iskola. Dan għall-fatt li ma' ġenb fejn kien hemm il-'Claric Hotel' u li flokha illum hemm 'Southend Guest House', kienet skola primarja. Lit-tfal li kienu jattendu hemm, fil-break kien jinfetħilhom kanċell tal-ħadid u minnu kienu jidħlu biex jilagħbu f'Wied il-Buni. F'Wied



**Piju Montebello "Tal-Lajċ". Dan kien l-aħħar wieħed li ħadem fis-Salini tal-melħ f'Wied il-Buni**

il-Buni wkoll, għal bosta snin kien hemm post li kien jintrama' fix-xhur tas-sajf ("Southend Bar'). Dan kien ħanut għall-arja aperta. Il-post kien jintrama' bil-qasab bil-kuluri bojod u ħomor. Minn dan il-post illum baqa' biss il-bażi tal-konkrit. Minn kif wieħed jista' jara, dawn l-inħawi llum il-ġurnata nbiddlu kważi għal kollox, għajr is-salini tal-melħ. Biss dawn ukoll kellhom l-isfortuna tagħhom, għax propju xi snin ilu xi wħud minnhom intlew bil-konkrit (ħasra).

### Is-salini u xogħol tal-melħ

Dawn is-salini huma speċi ta' ħwat imqatta' fil-blat bil-baqqun. Huma fondi xi 6 pulzieri b'4 piedi kwadru b'kull waħda tmiss ma' l-oħra. Meta dawn ikunu miksija bil-melħ tisthajlek qiegħed tara xi medda ta' art miksija b'ċangatura ta' rħam abjad. M'għandniex xi ngħidu, ix-xogħol tal-melħ irid isir fis-sajf u dan minħabba li l-ilma baħar irid l-inxif fil-qilla tax-xemx. Biss fix-xitwa kien isir xi xogħol ukoll, bħal ngħidu aħna tindif tal-post, u l-manutenzjoni li jkun hemm bżonn. Xi xhur ilu kelli x-xorti li niltaqa' ma' ċertu Piju Montebello bil-laqam 'Il-Lajċ' miż-Żejtun. Dan Piju kien l-aħħar wieħed li ħadem f'dawn is-salini tal-melħ. Fi kliemu huwa qalli kif kien isir ix-xogħol tal-melħ. Piju qalli li dawn is-salini kienu ilhom f'idejhom minn żmien in-nannu tiegħu. Huwa beda bħala lavrant ma' missieru Paċik. Dan Paċik flimkien ma' martu Konsa u uliedhom kienu jaħdmu l-melħ f'dawn is-salini ta' Wied il-Buni. Ta' kuljum, l-aktar fix-xhur tas-sajf, huma kienu jerħulha miż-Żejtun bil-karettun lejn Wied il-Buni. F'waħda minn dawn il-kmamar li kien hemm tas-suldati, huma kienu jqiegħdu ż-żiemel tagħhom, waqt li fil-kamra l-oħra li kienet nofsha fil-blat, huma kienu jqiegħdu l-għodda.

L-ewwel li kien isir huwa li fil-lembija, speċi ta' ħofra kbira fil-blat viċin il-baħar, kien jinxteħet l-ilma baħar. Minn hawn imbagħad kienu jissaqqew il-ħwat (salini). Piju qalli wkoll li dawn is-salini kienu jsejħulhom 'Għadajjar'. Bi tbatija kbira huma kienu jġorru l-ilma bl-idejn. F'perjodu ta' tlett ijiem taħt xemx tiżreġ, l-ilma baħar kien jinxef u fis-salina kien jibqa' biss il-melħ. Permezz ta' xkupa ħoxna dan il-melħ kien jitgeddes u jitqiegħed fi gzuz f'nofs is-salina. Xi jumejn wara huma kienu jimpalaw il-melħ fil-qfief. Dawn il-qfief kienu jkunu tal-qasab. Mill-qoffa l-melħ kien jinxteħet fl-ixkejjer u jqiegħduh fil-kamra. Darba fil-ġimgħa kienu jgħabbu fuq il-karettun biex jieħdu lejn iż-Żejtun. Fi triqthom lejn ir-raħal mgħobbija bil-melħ, mhux l-ewwel darba li kienu jieqfu biex ibiegħuh xi siegħ melħ lil xi ħadd. Dan is-siegħ kien il-qies li bih kien jitkejjel il-melħ. Piju qalli wkoll li mid-dar tagħhom fiż-Żejtun huma kienu jbiegħu l-melħ. 'Tal-lajċ' kienu magħrufa wkoll fl-irħula tal-madwar. Fil-fatt huma kienu jmorru jbiegħu l-melħ biż-żiemel lejn Bormla, Ħaż-Żabbar u Ħal Għaxaq. Lura lejn is-salini tal-melħ, ix-xogħol kien jibqa' għaddej tul is-sajf kollu. S'intendi dejjem jekk it-temp kien jippermetti. Piju qalli wkoll li huma kellhom ukoll xi salini lejn Dellimara. Biss kienu iżjed tajbin dawk ta' Wied il-Buni. Meta staqsejtu għaliex ma kienx baqa' jsir ix-xogħol tal-melħ huwa weġibni li f'dawn l-aħħar snin, il-post beda jkun aktar frekwentat min-nies biex jgħumu. Huwa qalli li mhux l-ewwel darba li kien ikollhom xi jgħidu ma' xi ħadd. Bejn għax jgħaffġulhom fis-salini inkella għax kienu jixħtu l-ħmieġ fihom, huma ddeċidew li jieqfu. Ħasra li sengħa bħal din tal-melħ kellha tintemm hekk fir-raħal ta' Birżebbuġa. Fl-aħħar irrid ngħid li issa huwa dmir tagħna li nippreservaw dawk is-salini li għad baqa', biex b'hekk jibqgħu xhieda ta' ħidmiet missirijietna, u parti mill-istorja ta' Birżebbuġa.

Ħajr-Piju Montebello
Ritratti - Manuel Francalanza



**Diversi grif fil-Blat li kienu jagħmlu parti mill-isqaq li kien hemm qalb is-Salini ta' Wied il-Buni**



**Il-melħ miġbur fi gzuz fis-Salini**